# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 7980/2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Daryl Mark Borg**

<u>**Illum,5 ta' Settembru,2024**</u>

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Daryl Mark Borg** detenur tal-karta tal-identita' Maltija **250086M** akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli;

i. Fuq talba tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol qed tiġi akkużat talli fil-kapaċita tiegħek personali u/jew bħala persuna li tħaddem f'25, Solea, Triq Nazju Falzon, Gżira nhar it-2 ta' Marzu 2022 u fix-xhur ta' qabel nqast milli tħares is-saħħa u s-sigurta' tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affetwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi nqast milli tieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' artikoli 6 (1)(2) ta' Att 27/200 Kap. 424;

ii. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem inqast li tara li xogħol fl-għoli jkun ippjanat sew u tieħu miżuri xierqa u suffiċjenti biex tipprevjeni waqgħat minn distanzi li jistgħu

jikkawżaw dannu personali. Inqast li tara li xogħol jitwettaq biss b'tagħmir xieraq jew li jintużaw mezzi kollettivi ta' protezzjoni bħal bennieni, pjattaformi jew xbieki ta' sigurta'. Fejn bennieni huma wżati, dawn għandhom ikunu solidi, għoljin biżżejjed u jkollhom almenu zokklu, poġġaman prinċipali u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Inqast li tara li lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandu jiġu mwaħħla madwar garigor, turġien, xaftijiet, gallariji, it-truf, fetħiet u f'xi oqsma oħra kollha fejn kull persuna tista' taqa' distanza li tista' tikkawża ħsara personali, jew li jaqgħu ġewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu risku mill-għarqa jew korriment serju. Inqast li tara lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb u sod, ta' għoli adegwat, u ta' saħħa adegwata għall-iskop li huma wżati u dan ai termini ta' Art. 5.1, 5.2, 5.3, 5.4, 5.5 (Skeda IV Sezz. II Part B) ta' A.L. 88/2018.

iii. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem inqast milli tiżgura li kull tagħmir protettiv personali jkun iħares id-dispożizzjonijiet speċifikata fi Skeda 2 tal-Ordni u tiżgura li fejn hemm il-preżenza ta' aktar minn riskju wieħed teħtieġ li ħaddiem jilbes fl-istess ħin aktar minn oġġett wieħed ta' tagħmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kumpatibbli u li jibqa' jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti. Inqast ukoll li tistabilixxi l-kundizzjonijiet ta' użu ta' tagħmir protettiv personali, b'mod partikolari għal kemm ħin għandu jintilbes, skont il-bażi tas-serjeta' tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost għar-riskju, il-karatteristiċi tal-post tax-xogħol ta' kull ħaddiem u l-operazzjoni tat-tagħmir protettiv personali u tiżgura wkoll li jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu li tagħmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna waħda tieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex tiżgura li dan l-użu ma joħloq ebda problema ta' saħħa jew iġjene għall-utenti differenti. Inqast li tiżgura li dan it-tagħmir jingħata mingħajr ebda ħlas minn min iħaddem u tiżgura li dan it-tagħmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni iġjenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' biċċiet meħtieġa. Inqast milli tara li qabel ħaddiem juża tagħmir protettiv personali tavżah dwar ir-riskji li t-tagħmir ikun qed iħarsu kontrihom. Inqast ukoll li tiżgura li jiġi kkonsultat ir-Rappreżentant għas-Saħħa u s-Sigurta' tal-Ħaddiema u dan ai termini ta' Artikolu 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11 u 17 ta' A.L. 121/03 (S.L. 424.21);

iv. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi nqast li tagħmel, jew li tiżgura li jsir, evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurta' kollha li jistgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, inkluż dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża u dan ai termini ta' artikolu 10(1) ta' A.L. 36/03 (S.L. 424.18);

v. Akkużat talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem inqast milli tobdi ordni ta' uffiċjal, ordni mogħtija bil-miktub li ġġib id-data tat-2 ta' Marzu, 2022, biex tissalvagwardja s-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini tal-Artikolu 7 (1) tal-Att XXVII/2000;

vi. Akkużat ukoll talli fl-istess żmijijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem inqast milli tavża lil JobsPlus dwar l-impjieg ta' persuni u dan ai termini tal-Artikolu 36 tal-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta;

vii. Akkużat ukoll talli taħt l-istess ċirkostanzi, bħala prinċipal impjegajt xi persuna li ma kinitx ċittadina ta' Malta u lanqas kellha permess waħdieni u liċenzja ta' mpjieg, ai termini tal-Artikolu 43 tal-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta'nhar it-12 ta' Marzu,2024, fejn ma sabitx lill-imputat ħati tas-seba' (7) imputazzjoni filwaqt li sabet lill-istess imputat, illum appellant, ħati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-ħames (5) u s-sitt (6) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u b'assorbiment tal-piena tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), il-ħames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni fl-ewwel (1) imputazzjoni skont l-Artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, gie ikkundannat għall-piena ta' multa ta' sebat elef ewro (€7,000) (rappreżentanti elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għall-ewwel imputazzjoni, nofs l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għat-tieni imputazzjoni, nofs l-ammont

ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għat-tielet imputazzjoni, nofs l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għar-raba' impiutazzjoni, nofs l-ammont ta' ħames mitt ewro (€500) għall-ħames imputazzjoni u nofs l-ammont ta' elf ewro (€1,000) għas-sitt imputazzjoni);

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Daryl Mark Borg prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar 2 ta' April 2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

1. **TIKKONFERMA** dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant mhux ħati tas-seba' (7) imputazzjoni;

2. **THASSAR** u **TIRREVOKA** dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (5), ir-raba' (4), il-ħames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni u kkundannatu għall-piena ta' multa ta' sebat elef ewro (€7,000) (rappreżentanti elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għall-ewwel imputazzjoni, nofs l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għat-tieni imputazzjoni, nofs l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għat-tielet imputazzjoni, nofs l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għar-raba' impiutazzjoni, nofs l-ammont ta' ħames mitt ewro (€500) għall-ħames imputazzjoni u nofs l-ammont ta' elf ewro (€1,000) għas-sitt imputazzjoni) u minflok tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena;

3. F'kull każ u sussidjarjament, **TIRRIFORMA** l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minnflok tinfliġġi piena aktar idonea skont iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ;

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

1. Illi mingħajr ebda dubju x-xhud priniċpali u okulari f'dawn il-proċeduri huwa l-uffiċjal tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-post tax-xogħol Clinton Cachia li ta x-xhieda tiegħu nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju tas-sena elfejn tlieta u għoxrn (2023). Fix-xhieda tiegħu u b'referenza għall-ewwel spezzjoni ta' nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn tnejn u

għoxrin (2022), huwa jgħid: "*Meta għamilt l-ispezzjoni jiena kienu waslu fuq is-saqaf. Jiġifieri kien qed isaqqaf il-penthouse.*" Huwa jkompli jgħid "*jiena ma tlajtx is-sulari kollha sur Maġistrat*". Dan ifisser li l-uffiċjal ma telax sal-għola livell. Lanqas ma kkonferma sa liema sular tela' u attribwixxa n-nuqqasijiet li allega għal kull sular;

2. Illi għalkemm l-uffiċjal tal-Awtorita' ma spezzjonax kull livell, huwa ħa numru ta' ritratti li wħud minnhom jista' jingħad li huwa daqsxejn diffiċli li tifhem eżatt għalxiex qiegħdin jirreferu, speċejalment ritratt numru sebgħa (7) u tmienja (8) a fol 8 tal-proċess kif ukoll ritratt numru ħamsa (5) a fol 15 tal-proċess;

3. Illi f'paġna tmintax (18) tas-sentenza, il-Qorti tgħid: "*Jingħad li l-perspettiva ta' uħud mir-ritratti mhix daqshekk tajba. Fil-fatt f'uħud mir-ritratti li juru l-galleriji, jidher li hemm l-ilqugħ. Il-Qorti għaldaqstant mhix konvinta dwar in-nuqqas ta' lqugħ fil-gallariji. Tinnota ukoll li l-Uffiċjal naqas mill jitla t-taraġ, u ta' dan ma ttiħx tort peress li skont hu ħass li kien hemm il-perikli. Il-Qorti lanqas ma hija konvinta li kien hemm periklu fit-taraġ peress li la mir-ritratti esebiti, u lanqas mix- xhieda ta' l-Uffiċjal Cachia ma jirriżultax l-għoli li kien hemm f'dan it-taraġ.*";

4. Illi l-Qorti tkompli tgħid: "*Il-Qorti pero tqis li l-periklu innutat mill-Uffiċjal Cachia jirriżulta ċar minn ritratt numru 2 a fol 5 tal-proċess fejn hemmhekk jirriżulta ċar li l-ħaddiem, li anke jidher fir-ritratt numru 1 a fol 5 mingħajr ilbies protettiv, kien espost għal periklu minn waqgħat mill għoli.*";

5. Illi minkejja li l-ewwel Qorti tirrikonoxxi l-fatt li l-perspettiva ta' wħud mir-ritratti m'hijiex tajba, hija xorta tagħżel li ssib ħtija fl-appellant;

6. Illi dawn ir-ritratti tant m'humiex faċli li wieħed jifhimom li anke l-Ewwel Qorti bħal donna damet ma fehmet u anke saħansitra x-xhud stess li mar fuq il-post ħafna drabi uża l-kelma "*Naħseb*";

7. Illi ġialdarba hawnhekk qiegħdin fil-kamp kriminali, xhud m'għandux jixhed dak li jaħseb iżda dak li huwa konvint minnhu, u dan sabiex jintlaħaq l-oneru tal-prova rikjesta fil-kamp kriminali, u dan dejjem meta jkun jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova dak li qiegħda tallega;

8. Illi l-Ewwel Qorti tgħid: "*Il-Qorti pero tqis li l-periklu innutat mill-Uffiċjal Cachia jirriżulta ċar minn ritratt numru 2 a fol 5 tal-proċess fejn hemmhekk jirriżulta ċar li l-*

*ħaddiem, li anke jidher fir-ritratt numru 1 a fol 5 mingħajr ilbies protettiv, kien espost għal periklu minn waqgħat mill għoli."*;

9. Illi hawnhekk jingħad li l-ewwel Qorti għamlet analiżi ħażina tar-ritratti li qiegħda tirreferi għalihom f'dan il-paragrafu għaliex tagħti x'tifhem li l-Qorti fehmet li l-persuni li jidhru fir-ritratt numru wieħed (1) u numru tnejn (2) a fol 5 tal-proċess huma l-istess persuni, mentri m'huwiex hekk;

10. Illi jingħad li l-persuna li tidher fir-ritratt numru tnejn (2) a fol 5 tal-proċess m'huwiex l-istess persuna li tidher fir-ritratt numru wieħed (1) a fol 5 tal-istess proċess. Il-persuna li jidher f'ritratt numru wieħed (1) huwa persuna ta' karnaġġjon skur u li għandu faxxa wiegħsa ta' kulur bajda fil-qalziet li kien liebes filwaqt li l-persuna li tidher fir-ritratt numru tnejn (2) a fol 5 tidher li hija ta' karnaġġjon ċar u li l-faxxa fuq il-qalziet li kien liebes, għalkemm ukoll ta' kulur bajda, hija dejqa. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta qalet li l-ħaddiem li jidher fir-ritratt numru tnejn (2) a fol 5 huwa l-istess persuna li jidher f'ritratt numru wieħed (1) a fol 5 tal-proċess;

11. Illi fis-sentenza tagħha, l-Ewwel Qorti tagħmel referenza għall-għoli tal-parapett wall. F'dan ir-rigward, Clinton Cachia fix-xhieda tiegħu jgħid: "*Per eżempju l-parapet wall ta' l-ewwel ritratt, huwa baxx fejn dak suppost irid jitla' għoli ta' metru. Ritratt, 3 u 6 juru r-railing li kien jew illappazzat, jew inkella għoli żżejjed allura ma jagħmilx sens bħala lqugħ."*;

12. Illi f'dan ir-rigward jingħad li ġialadarba r-ritratti ttieħdu minn distanza ta' diversi metri mingħajr mal-għoli ġie mkejjel bi preċiżjoni, l-uffiċjal Clinton Cachia ma seta' qatt jikkonferma l-għoli attwali tal-parapett wall. F'dan il-każ huwa kien biss qiegħed jispekula u hawnhekk l-ispekulazzjoni żgur ma tistax titqies bħala prova suffiċjenti;

13. Illi abbinat ma' dan l-argument, u ċioe li r-ritratti ttieħdu min distanza twila, huwa rigward l-ilbies portettiv li kien liebes persuna li deher fir-ritratti. L-Ewwel Qorti tgħid li "*L-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Clinton Cachia jgħid li waqt l-ispezzjoni li huwa għamel fis-26 ta' Jannar 2022, kien hemm ħaddiem fit-tarf fil-binja fil-għoli li ma kienx liebes l-ebda forma ta' safety harness li kien qiegħed jaqla' l-injam tal- ġenb tax-shuttering, kif ukoll kien hemm xi ħaddiema li ma kellhomx safety shoes. Huwa ippreżenta ritratti f'dan is-sens a fol 5."*;

14. Illi ġialadarba r-ritratt huwa meħud minn distanza twila kif ukoll li l-kwalita tar-ritratt hija waħda fqira, dan ma jistax jingħad li seta' jiġi kkonfermat bi preċiżjoni, speċjalment tenut kont tal-fatt li l-persuna li jidher fir-ritratt numru tnejn (2) a fol 5 tal-proċess jidher biċċa żgħira minnhu. Jingħad li minn dan l-angolu u mid-distanza li ttieħed l-istess ritratt ma jistax jiġi kkkonermat xi lbies protettiv *o meno* kien liebes il-persuna li jidher fir-ritratt in kwistjoni;

15. Illi fir-rigward tal-ilbies protettiv, l-uffiċjal Clinton Cachia jgħid li "*Kien hemm xi ħaddiema ma kellhomx safety shoes ukoll.*" Hawn naraw li Clinton Cachia ma jidentifikax liema mill-ħaddiema ma kienux libsin safety shoes iżda juża l-kelma "xi" li tħalli dubju fuq l-ammont ta' persuni li ma kienux lebsin safety shoes;

16. Illi ġaladarba aktar kmieni fix-xhieda tiegħu l-istess uffiċjal jidentifika kull ħaddiem li kien fuq il-post, u ċioe Stephen Cachia, Justin Schembri, Edward Mesu u Imram Patel, huwa seta' faċilment jidentifika u jindika kull wieħed minnhom xi lbies protettiv kellhom nieqes. B'dan il-mod huwa kien ikun speċifiku u jelimina kull dubju possibbli f'dan ir-rigward;

17. Illi Clinton Cachia jgħid li "*Daryl Borg ġie infurmat minn fuq it-telefone. Iżjed tard, actually l-għada inbagħtet ordni ta' waqfien mix-xogħol permezz ta' email. Hawnhekk għandi kopja ukoll bid-delivery notice li wasslet lis-Sur Borg fejn aħna tlabna li jiefqu x-xogħolijiet u li jsir xogħol rimedjali biss,*";

18. Illi primarjament jiġi rilevat li s-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 17 tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid "*Uffiċjal jista jagħti ordni, verbalment jew bil-miktub,*" mingħajr ma jispeċifika l-mezz li għandu jintuża;

19. Illi f'dan il-każ, ingħad li l-appellant ġie kkuntattjat permezz tat-telephone kif ukoll permezz tal-email. Fir-rigward tat-telefonata, ma ġiex ikkonfermat minn min saret it-telefonata da parti tal-Awtorita' tas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol. Clinton Cachia jgħid biss li l-appellant ġie nfurmat iżda ma jgħidx kienx hu jew xi uffiċjal ieħor li nfurma lill-imputat, hawnhekk l-appellant. Barra minn hekk lanqas ma ġie kkonfermat in-numru li ntuża mill-uffiċjal sabiex iċempel lill-appellant. Imkien f'dawn il-proċeduri ma ġie ppreżentat in-numru li fuqu għamlet kuntatt mal-appellant l-Awtorita', liema numru kellhu anke jiġi kkonfermat mis-*service provider* sabiex jelimina kull dubju li t-tali numru kien verament tal-appellant;

20. Illi punt ieħor importanti rigwardanti t-telefonata huwa l-ġurnata u l-ħin li saret fiha. Clinton Cachia sempliċiment jgħid li l-appellant ġie nfurmat permezz ta' telefonata mingħajr ma jikkonferma l-ġurnata u anke l-ħin. Huwa propju għal din ir-raġuni għalfejn l-appellant hawnhekk isostni li f'dan ir-rigward kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tressaq l-aqwa prova possibbli sabiex ma tħalli l-ebda dubju, u ċioe bili jiġi ppreżentat *call log* mill-fornitur tas-servizz tal-mezz elettroniku li minnhu saret it-telefonata, kif inhu mistenni u kif fil-fatt jiġri f'diversi istanzi meta jsiru telefonati;

21. Illi għalkemm hawnhekk m'għandniex allegazzjoni bejn żewġ (2) persuni iżda Awtorita' kontra persuna ma jfissirx li l-Awtorita' għandha tingħata xi vantaġġ jew li l-oneru tal-prova għandu jitbaxxa. Mhux talli hekk, talli huwa prinċipju bażilari li l-liġijiet u r-regoli tax-xhieda huma ugwali għal kulħadd;

22. Illi ġialadarba l-liġi qiegħda tippermetti li l-ordni tingħata b'mod verbali, wieħed jistenna li tali telefonati għandhom jiġu rekordjati sabiex b'hekk dak li jintqal iservi tal-aqwa prova possibbli;

23. Illi l-istess argument japplika għall-indirizz elettroniku li fuqu ntbagħet l-ordni. Din fl-ebda istanza ma ġiet ikkonfermata li hija fil-fatt l-email li jagħmel użu minnha l-appellant;

24. Illi qed issir referenza għall-parti mix-xhieda ta' Clinton Cachia li tgħid dan li ġej:

    *a.* Qorti *Mela kif inti ġibt l-emails?*

    b. Xhud *L-emails hija minn riċerka li nkun għamilt. Inċidentalment mas-sur Borg ġieli ikkomunikajt miegħu wkoll qabel allura ma kienx daqshekk diffiċli.*

25. Illi l-uffiċjal tal-Awtorita' għas-Saħħa u Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol Clinton Cachia jgħid li din l-email ġabha minn riċerka li għamel, iżda ma jgħidx x'tip ta' riċerka u x'verifiċi għamel sabiex wasal għal din l-email. Lanqas ma ġab xi prova minn fejn huwa kkonkluda li din hija l-email li allegatament jagħmel użu minnha l-esponent;

26. Illi l-fatt li l-uffiċjal jgħid li fil-passat kien għamel komunikazzjoni mal-appellant hija biss allegazzjoni għax imkien ma ġab prova tal-komunikazzjoni

li seħħet fil-passat u konferma li t-tali komunikazzjoni effettivament kienet mal-istess appellant;

27. Illi mingħajr preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, anke *se mai* fil-passat l-appellant kien jagħmel użu mit-tali email, dan ma jfissirx li fid-data li ntbagħtet l-email mill-uffiċjal huwa kien għadu jagħmel użu minnha;

28. Illi għalhekk, ġialadarba m'hemmx konferma bi preċiżjoni tat-telefonta li allegatament saret mal-appellant u konsegwentement tal-email minħabba n-nuqqas ta' provi mressqa mill-Awtorita' fir-rigward tat-tali, qiegħed jiġi ritenut li l-ordni ma setgħet qatt tidħol fis-seħħ u lanqas hija waħda valida u għalhekk kwalunkwe imputazzjoni reltatata mal-ordni ma tistax tissussisti;

29. Illi finalment fir-rigwad l-allegat nuqqas tal-appellant li jinforma lil JobsPlus dwar l-impjieg ta' persuni, jingħad li ma ġiex ikkonfermat bi preċiżjoni l-persuni li effettivament ma kienux reġistrati mal-aġenzija JobsPlus;

30. Illi għalkemm Clinton Cachia jgħid li ż-żewġ (2) persuni li ma kienux ta' nazzjonalita' Maltija ma kellhomx dokument t'identifikazzjoni fuqhom, bħala uffiċjal ta' awtorita', huwa seta' faċilment jobbliga lill-persuni in kwistjoni sabiex jirrappurtaw fl-uffiċini tal-Awtorita' tas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol u jipprovdu d-dokument t'identifikazzjoni tagħhom. Kien b'dan il-mod li l-imputazzjoni relatata mal-persuni mhux reġistrati mal-aġenzija JobsPlus kienet tkun sodisfaċentement ippruvata 'lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni;

31. Illi għalkemm dawn il-persuni ma kellhomx dokument t'identifikajzzjoni, wieħed ma jistax jarugmenta li għalkemm dakinhar huma ma kellhomx fuq il-persuna tagħhom dokument t'identifikazzjoni, dan ma jeżistix;

32. Illi finalment, l-esponent jispiċċa billi jenfasizza li hawnhekk ninsabu fil-kamp kriminali fejn l-oneru tal-prova li jrid jintlaħaq huwa dak 'lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Qed issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **__Il-Pulizija vs Peter Ebejer__**, deċiża fil-5 ta' Diċembru, 1997, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) qalet illi:

   a. *"Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il- grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova*

*li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir- raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz "Miller v. Minister of Pensions" [1974] 2 All E.R. 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt";*

b. *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice" (373-374).";*

33. Illi qed issir ukoll referenza ghall-insenjament tal-**Professur Mamo** li jghid:

a. *'The main object of the rules of evidence is to secure, so far as it can be secured, that the evidence given in a judicial proceeding shall be true, and for that reason they require that the best evidence procurable of the matter in dispute shall be given and in a manner which will best ensure the object in view....The rule as to the production of the best evidence is rigid, and the mind of the Court is alert to discover, when evidence of an alleged fact is tendered, whether it is not within the power of the person tendering it to produce better evidence of the same fact, and if the court is satisfied that better evidence can be produced it will insist upon the production thereof...In the unavoidable absence of the best or primary evidence, the Court will accept what is known as secondary evidence. Secondary evidence is evidence which suggests on the face of it that other and better evidence exists. It follows that it will never be received until the party tendering it proves what it is out of his power to obtain other evidence...';*

34. Illi qiegħed jingħad ukoll li fil-kamp kriminali huwa prinċipju bażilari li jinkombi fuq il-Prosekuzzkoni li tressaq l-aqwa prova possibbli, u dan sabiex tipprova l-każ tagħha 'lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. F'dan ir-rigward, l-appellant jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika</u>**

**ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Mejju 2002 li tgħid hekk:

a. *" Huwa prinċipju fondamentali fil-proċess kriminali li l-liġi tesiġi li kull min jrid jipprova xi ħaġa, għandu jressaq l-aħjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm –il darba din l- ewwel jew l-aħjar prova mhiex disponibbli".*

35. **Piena Erogata**

36. Illi l-appellant jirrileva illi l-piena mogħtija lilhu u ċioe' dik ta' multa ta' sebat elef ewro (EUR 7,000) hija eċċessiva in vista tal-provi f'dawn il-proċeduri;

37. Illi fuq ton akkademiku, l-esponent ma jaqbilx kompletament ma' tali insenjament. Dan huwa minħabba li qabel mal-qrati tal-ewwel grad, fin-nuqqas ta' sistema ta' '*sentencing policy*' riġida, ma' jżommux ċertu konsistenza u omoġenita` fis-sentenzi tagħhom, allura bilfors li jkollok min jilmenta bħalma qed jiġri fil-każ in eżami. In oltre, f'kull każ, Qrati tal-Appell xorta għandhom jidħlu f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw il-piena inflitta kinitx eċċessiva jew le;

38. Illi f'dan l-isfond ssir riferenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**:

*a. "Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*

*b. Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu."*

39. Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk*, Maalem Abderrahmane, Lazhari Zamouche'** ġie kkunsidrat li:

a. *"Peress li dan huwa appell limitat biss għall-piena inflitta, din il- Qorti trid tistħarreġ jekk il- Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju, jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal- Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :*

b. *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

c. *"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

d. *This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

e. *Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi fuq il-fatti tal-każ, fuq jekk l-imputat ikunx ħati jew le, u jekk ħati, x'piena għandha tingħatalu. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx ħadet xi zball fl-analiżi tal-provi jew tal-Liġi, allura s-sentenza tagħha tibqa' torbot u din il- Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew tħassarha jekk ma jkunx hemm raġuni valida għaliex. Jekk pero l-Qorti tal- Maġistrati tkun ħadet xi zball, imbagħad din il-Qorti għandha d-dmir li dak l- iżball tirranġah.*

f. *Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas- sentenza emessa minnha."*

40. Illi bir-rispett jiġi sottomess illi l-piena kif applikata mill-Ewwel Qorti hija waħda esaġerata u dan meta wieħed iqis n-nuqqasijiet tal-provi da parti tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-xogħol sabiex tilħaq il-grad rikjest;

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-11 ta' Lulju, 2024.

**Ikkunsidrat**.

Illi fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jistqar li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti.

Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12

*'kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.'*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

---

ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :
Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] 2 u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; IlPulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju

l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l- oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, ilQorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali ma teħtieġx li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-

1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991

sistema Legali Ingliż,[4] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> *Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*
>
> *L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi. Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u*

[4] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

> *kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha*

Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> *Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".*

Issa kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza Il-Pulizija vs. Vincent Calleja deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni

tas-sentenza tal-Qorti tal- Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "*unsafe and unsatisfactory*" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "*unsafe and unsatisfactory*". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

Ghalhekk sabiex din il-qorti tkun taf dwar l-esercizzju li ghamlet l-ewwel qorti ghandha tifli bir-reqqa l-provi migbura quddiemha u dan sabiex taccerta ruhha li l-gudizzju milqugh minnha kien *safe and satisfactory*.

**<u>Ikkunsidrat ulterjorment.</u>**

**Clinton Cachia** xehed nhar it-28 ta' Lulju 2023 u stqarr li kien ghamel zewg spezzjoniijiet gewwa l-Gzira wahda fit-2 ta' Marzu 2023 u l-ohra fis-26 ta' Jannar 2022. Dis-26 ta Jannar, 2022 kien ghamel spezzjoni fuq sit ta' kostruzzjoni li ggib l-indirizz '*26 Solea, Triq Nazju Falzon, Gzira.*' Il-progett skedat kien jikkonsisti fit-twaqqiegh ta' proprjeta ezistenti, it-thaffir tal-plot kif ukoll bini ta' sitt appartamenti. Meta ghamel l-ispezzjoni l-haddiema kienu waslu fl-istadju li jsaqfu l-penthouse. Dakinhar kien hemm erba' haddiema. Huwa esebixxa sett ta' ritratti li kien gibed dakinhar tas-26 ta' Jannar, 2022 li gew mmarkati bhala Dok CC1. Il-haddiema fuq il-post kienu Stephen Cachia, Justin Schembri, Edward Mesu mill-Ghana u Imram Partel mill-India. Staqsihom ma minkienu jahdmu u qalulu Daryl Borg. Jaghmel referenza ghar-ritratti numru 3, 5, 6 u 9 fejn hemm nuqqas ta' lqugh fil-galleriji, nuqqas ta railing, u nuqqas

ta ilqugh fit-truf tas-saqaf. Wiehed mill-haddiema kien proprju fit-tarf tal-bini u ma kienx liebes safety harness. Jghid li s-sulari kollha ma telghawx. Jghid li minn dak li ra ma sarx evalwazzjoni tar-riskju biex jigi evitat il-perikolu fuq is-sit. Huwa hareg Stop Order u talab li jkollu risk assessment izda qatt ma wasal ghandu. Huwa esebixxa l-email li kien baghtlu li gie mmarkat bhala Dok CC2. Qal li nhar l-4 ta' Frar 2022 kient saret laqgha mal-appellant u kien anke tah id-dritt tieghu tas-silenzju kif jirrizulta minn Dok CC3. Dakinhar gew diskussi n-nuqqasijiet li gew osservati fuq is-sit. Kien ikkonferma mieghu li l-haddiema li kienu fuq il-post kienu mpjegati mieghu.

In segwitu fit-2 ta' Marzu kien ghamel spezzjoni ohra fuq is-sit biex jikkonferma li x-xoghol rimedjati kien adegwat u b'hekk ikun jista' jirrevoka l-ordni ta' Waqfien li kien hareg qabel. Huwa esebixxa sett ta' sebgha ritratti li kien gibed dakinhar mmarkati bhala Dok CC4. Jghid li dakinahr ma kienx ta r-revoka ghax kif anke jidher mir-ritratti 1, 3 u 6 kien hemm nuqqasijiet li ma kienux jissodisfaw il-minimum requirements. Per ezempju l-hajt tal-parapett kien baxx fejn dak suppost irid jitla ghal madwar metru. Ritratt nuumru 3 u 6 juru r-railing li kien hemm li kien gie llapazzat jew inkella kien gholi izzejjed u ma jaghmilx sens bhala ilqugh. Ir-ritratt numru 3 jahseb li hu ritratt tar-railing gongut u b'hekk allura jitlef is-sahha. Osserva li minkejja l-Ordni ta' Waqfien ix-xoghlijiet kienu tkomplew kif jirrizulta mir-ritratti esebiti. Per ezempju jekk tara l-penthouse minkejja li kien hemm Ordni ta' Waqfien mix-xoghol kien hemm xoghol li kien tkompla u kienet anke ittellghet opra morta mad-dawra kollha. Fit-tieni ritratt tara l-konkos tas-saqaf iccara ghax kien nixef u tara l-erba' filati opramorta imtella. Fit-tieni spezzjoni haddiema ma kienx hemm u kien Victor Vella li kien fetahlu biex ghamel l-ispezzjoni.

In kontro-ezami jghid li pprezenta zewg settijiet ta' ritratti dawk mehuda fit-2 ta' Marzu 2022 u dawk tas-26 ta' Jannar 2022. Jikkonferma li meta ghamel l-ispezzjoni tas-26 ta' Jannar 2022 sa fuq ma telghax ghax ma kienx hemm railing komplut. Ma jiftakarx f'liema sular waqaf izda jghid li kien hemm hafna sulari bla *railing*. Huwa iltaqa' mas-sur Borg wara li kien hareg l-Istop Order gewwa l-ufficcju tieghu u dan nhar l-4 ta' Frar 2022. Imbaghad gie infurmat li kienu saru r-*remedial works* minghand il-*project supervisor* u ftiehem maghhom li kellu jerga jmur. Ir-*remedial works* kienu

jikkonsisti fir-*railings* tat-tarag, ir-railings tal-gallerija, u f'kaz ta' nuqqas ta' ilqugh fil-penthouse kellu jiddawwar b'mod temporanju. Mhux jinbena ghax dak hu xoghol produttiv u minflok bnewh kollu.

In toto ix-xhud esebixxa is-segwenti dokumenti: -

1. Sett ta' disgha ritratti markati bhala Dok CC1.
2. Kopja ta' zewg emailsl gew markati bhala Dok CC2.
3. Kopja ta twissija markat bhala Dok CC3.
4. Sett ta' seba' ritratti markati bhala Dok CC4
5. Sett ta' zewg ritratti li huma side by side comparison li bihom qed jindika li s-soghlijiet tkomplew markati bhala Dok CC5.

**Louis Buhagiar** xehed nhar is-26 ta' Ottubru 2023 u qal li kien gie mitlub biex jipprezenta il-job card employment History ta' Daryl Mark Borg u biex jipprezenta lista ta' persuni li kienu qegħdin jaħdmu mas-sur Borg nhar it-2 ta' Marzu 2022. Huwa pprezenta zewg dokumenti. Is-sur Borg kien jaħdem bħala Highup Picker u fit-2 ta' Maru 2022 kien ihaddem sitt minn nies. Iz-zewg dokumenti gew mmarkati bhala Dok LB1 u LB2 rispettivament.

**Justin Schembri** xehed nhar it-26 ta' Ottubru 2023 u jgħid li kien jaħdem mal-imputat illum appellant Daryl Borg jagħmel xi bricks u gie mghajjat u l-persuna qaltlu li kienet mill-Health and Safety. Dakinhar kien qed itellgha xi ghodda biex jagħmlu l-opra morta Muri r-ritratti esebiti jghid li jgharaf il-blokka fejn kien jaħdem. Dakinhar li kien ġie mgħajjat kien ilu jaħdem fuq dak is-sit tlett ijiem biss. Muri r-ritratt fejn hemm ħaddiema ohra jghid li ma jafhomx. Mistoqsi x'kien qallu is-safety officer dakinhar jghid li huwa kien jaħdem fuq l-opramorta fuq dik il-biċċa viċin tal-bini l-ieħor. Sa dak il-hin li ġie nitkellem kien laħaq tellgha biss xi tlett jew erbgha' filati. Kien forsi ghamel xi ghoxrin briksa dakinhar stess li saret l-ispezzjoni tal-Helath & Safety. Huwa hadem mieghu biss tlett ijiem u kien jithallas b'€28 l-qasba. Kien hadem mieghu bil-fattura.

**Stephen Cachia** xehed nhar is-26 ta' Ottubru, 2023 u jghid li xoghlu hu li igorr bil-vann l-affarijiet li jkollhom bzonn fuq il-lantijeit tax-xoghol. Dan ix-xoghol jghamlu

ma Daryl Borg l-imputat. Jaghmel ukoll xi xoghol ta' travetti u injam tal-construction sites fejn ikunu qed jahdmu. Muri r-ritratti esebiti fl-atti gharaf li hija l-binja li kienu qed itellghu gewwa l-Gzira xi sena u nofs qabel ma xehed. Illum il-blokka lesta. Mistoqsi jekk xi darba minnhom waqt li kien xoghol kienx mar xi hadd mill-Health & Safety jkellmu jgħid li jiftakar. Muri ir-ritratt mmarkat bħala Dok CC1 numru 4 jghid li dak huwa hu ihott xi bricks. Qal li h jaf ipoggi bricks fuq xulxin pero bennej ma hux. F'dan il-kaz ma jidhirlux li bena hemmhekk izda kien qed izarma. Mistoqsi jekk kienx hemm haddiema ohra jghid li ma jiftakarx ghaliex huwa ma tantx idum fuq is-sit kemm ihott il-briks u jitlaq 'l hemm. F'din il-binja hemm erba' sulari u penthouse. Dakinhar li gew tal-Heath & Safety huwa niżel ikellimhom, niżel mit-taraġ li kien normali mibni bil-konkos.

L-akkuzat **Daryl Borg** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar is-26 ta' Ottubru, 2023 u qal li huwa kien ghaddej bix-xoghol ta' kostruzzjoni gewwa sit il-Gzira proprjetà ta' Victor Vella u meta waslu fl-opramorta jiġifieri lestew il-blokka konsistenti fi sitt pjanijiet plus one b'hekk seba sulari b'kollox kien ghad fadal l-opramorta ta' fuq il-bejt. Il-blokka per se kienet lesta kollha. Qal li dak ix-xoghol hu ta' perikoluz f'kaz li taqbadha ir-rih. Ghalhekk kien qabbad lil Justin u l-papa' tieghu u dan bil-fattura u kellhom jmorru fuq tlett ijiem biex itellghawhielu Qal li hu ma jidholx fih dak ix-xoghol. Meta wasal fuq l-post l-uffiċjal tal-OHSA sabhom fl-ahhar biċċa ta' wara u l-injam kien gja maqlugh. Mistoqsi jekk kienx fuq is-sit dak il-hin jghid li le jmur u jigi ghax jdur is-siti tieghu kollha. Qal li l-area kienet zghira fuq il-bejt ta'0 one bedroom penthouse xi 45 sqaure meters u ma jkunx hemmm iktar minn 250 briksa. Jaqbel li dan il-hajt inbena wara u dan sabiex inehhi kull perikolu ghax jekk jaqghu il-gebel seba' sulari storja jagħmel. Jghid li l-iStop Notice kien ghadu ma ircevhiex. Biex titla fuq dan il-bejt titla bis-sellun . Il-blokka kellha taraġ biex titla għal fuq il-penthouse. Ix-xaft kien maghluq bi platform. Muri ir-ritratt numru 8 Dok CC1 u cioe fejn hemm tarag u mistoqsi jekk dan hu it-tarag li jghati ghal penthouse ma jwegibx. Meta ġie l-uffiċjal tal-OHSA iż-żewġ ħaddiema kienu qed inizzlu ix-xutter. Qal li r-ritratt esebiti fl-atti m'humiex tajba għaliex ġew meħuda minn isfel. Jgħid li meta ġie l-uffiċjal l-ewwel darba parti kbira tal-opramorta kienet gja mibnija.

**<u>Ikkunsidrat</u>**.

Fil-proceduri kriminali l-principju generali hu li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tressaq l-ahjar prova sabiex tikkonvinci lil Qorti dwar il-htija tal-imputat. Ghalhekk il-livel ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hija dik lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan l-obbligu mixhut fuq il-proskeuzzjoni pero jista jigi mghelub f'kaz ta' legislazzjonijiet speċifiċi bħal ma hi din dwar ir-reati li johorgu mill-Avviż Legali 88 tal-2018 li fuqhom huma imsejsa l-akkuzi u dan ghaliex skond il-Ligi Susidjarja 424.21 l-appellant huwa mghobbi bl-oneru tal-prova biex jiskolpa ruhu minn l-akkuzi li gew addebitti fil-konfront tieghu. Jinghad li dan pero ma hux il-kaz fir-rigward tal-ligi principali u cioe il-Kpaitolu 424 innifsu.

**<u>L-ewwel akkuża</u>**

Illi **l-artikolu 6(1)(2) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta** u li biħ jinstab akkużat l-appellant taħt l-ewwel akkuża jinqara kif ġej:

(1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:

Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minnbarra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att: Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem.

(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri –

(a) li jiġi evitat riskju;

(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;

(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;

(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;

(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;

(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;

(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;

(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tassaħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u

(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.

Illi ssir referenza ghall-appell fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Mario Briffa</u>'**, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali f'sentenza datata il-5 ta' April 2022 tenniet is-segwenti:

> *"Il-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta jorbot lil 'min iħaddem' u lil ħaddiem' bl- obbligu li jassikuraw li b'ħidmithom ma jipperikolawx il-ħajja, is-saħħa u s- sikurezza ta' kull persuna li tista' tiġi affetwata minn dak ix-xogħol. Dan l-obbligu jikkonsisti fli jkunu mfassla u osservati normi ta' prevenzjoni li jassikuraw post tax- xoghol hieles minn perikli li jistgħu jiġu kemm anticipati kif ukoll allura evitati."*

**L-Artikolu 2 tal-Kapitolu 424** tal-Liġijiet ta' Malta jiddefinixxi ħaddiem':

> *"... "haddiem" tfisser kull persuna impjegata minn min iħaddem biex tagħmel xogħol, jew li tipprovdi servizz lil persuna oħra taht kuntratt ta' servizz jew għal servizz, u tinkludi student, apprendist u persuna li timpjega lilha nnifisha, iżda ma tinkludix l-ekwipaġġta' bastiment reġistrat Malta jew kull persuna oħra impjegata fuqu bħala parti mill-ekwipaġġ kollu tal-bastiment; persuna oħra impjegata fuqu bħala parti mill-ekwipaġġ kollu tal-bastiment."*

Dan ifisser li l-obbligu li min iħaddem iħares is-saħħa u s-sigurta jestendi għal dawk il-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal min ikun qed iħaddem. Mela din il-lokuzzjoni tinkludi kemm dawk li jkunu impjegati ma' min ikun iħaddem, kif ukoll persuni oħra li jkunu fuq l-istess sit. Dan qed jinghad ghax l-artikolu 6(1) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta huwa tant wiesa' li ma jinkludix biss ħaddiema impjegati ma' min ikun iħaddem. Il-kliem preċiżi huma dawn:

> *Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem*

Fil-fatt harsa lejn id-dibattitu li sar fuq din id-disposizzjoni tal-ligi fil-Parlament fis-seduta Nru. 402; Il-Ġimgħa, 20 ta' Ottubru, 200 ONOR. Lawrence Gonzi jghid:-

> *Klawsola 6 titkellem fuq id-dmirijiet ta' min iħaddem. Din hija klawsola ta' ċerta importanza għax qed tgħid li min iħaddem għandu obbligu li dejjem iħares lejn is-saħħa u s-sigurta' tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati mix-xogħol kollu li jkun qed isir. Huwa importanti li nenfasizza dan il-punt li diġa' għamilnieh għax dan huwa breakthrough fuq ilkunċetti. Il-liġi ta' l-1994 iffokat fuq id-dmir ta' min iħaddem direttament mal-ħaddiema tiegħu. Wara li eżaminajna l-esperjenza f'pajjiżi oħrajn - mhux biss teżamina, għax inti lanqas għandek għalfejn teżamina l-esperjenzi ta' pajjiżi oħrajn imma biżżejjed teżamina l-esperjenzi lokali u reali tagħna - mill-ewwel indunajna li kultant nuqqas ta' attenzjoni, traskuraġni jew nuqqas ta' employer li jħares*

*regolamenti, jipperikola mhux biss lill-ħaddiema imma anke lil persuni terzi. Allura hawnhekk għamilna din il-bidla fil-kunċett billi issa qed nerfgħu r-responsabilita' fuq min iħaddem biex jirrealizza li jekk hu ma jħarisx ir-regolamenti jew l-artikli stabiliti taħt din il-liġi, anke jekk ma jkunx qed jipperikola lill-ħaddiema pero' jkun qed jipperikola lil terzi persuni, dak huwa responsabbli għal ksur tal-liġi. Naħseb li dan il-punt huwa l-aktar punt importanti f' din ilklawsola. Din il-klawsola tirrigwarda wkoll dik li qed ngħidulha l-prevention policy, jiġifieri listrateġija li dak li jkun jagħmel ħiltu biex jevita l-perikli jew ir-riskji li jista' jkun hemm. ….*

U jkompli jghid:

*Sur President, naħseb dan kien il-punt kardinali li ddiskutejna fl-aħħar seduta meta konna qed nagħmlu klawsola 6. Din il-klawsola, b'differenza għal dak li hemm fl-Att VII ta' l-1994, issa tgħid li min iħaddem għandu dejjem iħares is-saħħa u s-sigurta' tal-persuni kollha li jistgħu jiġi affettwati mix-xogħol li jkun qiegħed isir. Jiġifieri hawnhekk hawn estensjoni tar-responsabbilta' fuq min iħaddem.*

*……l-punt kruċjali ta' dan l-artiklu huwa dak li jingħad fl-ewwel subartiklu li kull ħaddiem għandu jissalvagwarda s-saħħa u s-sigurta' tiegħu stess kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir*[5]*.*

Ghalhekk zgur li l-appellant kellu certu obbligi lejn Justin Schembri li kien jahdem bil-fattura, lejn Stephen Cachia kif ukoll lil terzi li setghu kienu ghaddejja minn that jew ma genb l-istss sit li kien taht kostruzzjoni

F'dan il-kaz il-prosekuzzjoni resqet lill-ufficjal tal-OHSA u cioe lil Clinton Cachia jixhed u dan kkonferma li nhar is-26 ta' Jannar 2022 kien ghamel spezzjoni fuq il-post tax-xoghol u cioe f'sit tal-kostruzzjoni li jgib l-indirizz '25, Solea, Triq Nazju Falzon, Gzira', fejn sab erba' haddiema li lkoll qalulu li kienu qed jahdmu ma' Daryl Borg. In effetti tnejn minn dawn l-erbgha haddiema xehdu fil-mori ta' din il-kawza u kkonfermaw li kienu qed jaghmlu xoghol ghall-appellant. L-appellant ukoll xehed

[5] Seduta Nru. 407; L-Erbgħa, 25 ta' Ottubru 2000

f'dawn il-proceduri u kkonferma li kellu impjegti fuq il-post tax-xoghol u kkonferma ukoll li iz-zewg xhieda li xehedu kienu ghamlu xi xoghol ghalih minkejja li stqar li s-sit jappartjeni lil certu Victor Vella. Ma hemmx dubbju li ghalhekk li l-appellant jinkwadra ruhu fid-definizzjoni ta' min ihaddem. L-appellant stess fix-xhieda tieghu jammetti li kienet saret spezzjoni fuq is-sit minn Clifton Cachia. Clifton Cachia esebixxa numru ta' ritratti li jindikaw in-nuqqasijiet li rriskontra fuq is-sit konsistenti f'nuqqas ta' lqugh fil-galleriji, nuqqas ta' railings fit-tarag, nuqqas ta' ilqugh fit-truf tas-saqaf, haddiem li ma kienx liebes safety harness u haddiema ohra li ma kellhomx safety shows. Oltre dan kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti dan ix-xhud Clifton Cachia jghid li l-appellant ma ghamilx risk assessment dwar ix-xoghol li kien ser jsir biex jigu evitati perikoli fuq il-lant tax-xoghol. Ghalhekk spicca hareg Stop Notice li giet komunikata lill-appellant kif jirrizulta mid-delivery notice tal-email li giet mibghuta lilu esebita fl-atti. L-appellant kien intalab sabiex jibghat rapport minghand il-project supervisor illi s-sit kien sigur u kopja tar-risk assessment. Dan pero ma sarx. Saret laqgha fuq talba tal-Ufficjal Cachia ghand l-Awtorita nhar l-4 ta' Frar 2022 fejn dakinhar stess l-appellant ammetta li l-haddiema kienu tieghu u li l-evalwazzjoni tar-riskju kien ghadu ma sarx.

L-Ufficjal Cachia ghamel spezzjoni ohra nhar it-2 ta' Marzu 2022 biex jaccerta ruhu li x-xoghol rimedjali kien sar u dakinhar kien anke gibed xi ritratti (fol. 13 sa fol. 16) Jidher car li anke waqt din it-tieni spezzjoni minkejja li haddiema fuq il-post ma kienx hemm kien ghad hemm nuqqasijiet dwar sahha u sigurta tant li l-ufficjal baqa' ma nehhiex l-Istop Notice. Jidher pero li minkejja li kien hemm din l-Istop Notice l-appellant baqa' ghaddej bix-xoghol u injora ghal kollox l-istop notice.

Mis-suespost ghalhekk jirrizulta li l-appellant naqas li jaderixxi ruhu mas-sub incizi (a) sa ( e) ta' l-artikolu 6 (1) tal-Kap 424 al-ligijet ta' Malta li jitkelmu dwar ir-riski assocjati max-xoghol u ghalhekk ghandujinsab hati ta din l-ewwel akkuza.

**<u>It-tieni akkuza</u>**

**L**-appellant gie akkuzat bir-reat kif kontemplat fl-artikolu 5 (1) sa (5) tal-AL 88/2018 I jiddisponi s-segwenti: -

*Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem inqast li tara li xogħol fl-għoli jkun ippjanat sew u tieħu miżuri xierqa u suffiċjenti biex tipprevjeni waqgħat minn distanzi li jistgħu jikkawżaw dannu personali. Inqast li tara li xogħol jitwettaq biss b'tagħmir xieraq jew li jintużaw mezzi kollettivi ta' protezzjoni bħal bennieni, pjattaformi jew xbieki ta' sigurta'. Fejn bennieni huma wżati, dawn għandhom ikunu solidi, għoljin biżżejjed u jkollhom almenu zokklu, poġġaman prinċipali u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Inqast li tara li lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandu jiġu mwaħħla madwar garigor, turġien, xaftijiet, gallariji, it-truf, fetħiet u f'xi oqsma oħra kollha fejn kull persuna tista' taqa' distanza li tista' tikkawża ħsara personali, jew li jaqgħu ġewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu risku mill-għarqa jew korriment serju. Inqast li tara lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb u sod, ta' għoli adegwat, u ta' saħħa adegwata għall-iskop li huma wżati.*

Hawnhekk l-oneru tal-prova kif fuq spejgat jaqa' fuq l-appellant. L-Uffiċjal tal-Awtorità Cachia stqarr fix-xhieda tiegħu li fuq il-lant tax-xoghol ma kienx hemm ilqugh tajjeb fit-truf tas-saqaf, ma kienx hemm railings, ħaddiem ma kienx liebes ħwejjeġ ta' protezzjoni li tista' tipprevjeni dannu dwar korriment f'kaz ta' waqgha mill-gholi u hawnhekk qed nitkellmu fuq sit ta' sitt sulari plus one. Ix-xhud mar oltre u ma strihx biss fuq ix-xhieda tieghu izda ipprezenta numru ta' ritratti li ghalkemm veru kif stqarret id-difiza ma humiex daqshekk cari. Ghalhekk anke in vista tal-fatt l il-ufficjal stess qal li ma telghax sa fuq minhabba il-perikolu li ra meta ma kienx hemm railings mat-tarag u in vista tal-fatt li r-ritratti ma kienux cari din il-Qorti ma tistax tabbraccja facilment it-tezi tal-prosekuzzjoni li ma keinx hemm ilqugh fil-galleriji u fit-truf tas-saqaf izda zgur li tista' tabbraccja in-nuqqas li kien hemm xi haddiem li ma kienx liebes ilbies protettiv u dan jammonta ghal nuqqas serju li jindika li l-appellant ma hax hsieb is-sahha tal-haddiem tieghu. Dan in-nuqqas lampanti jidher espost fir-ritratt numru 1 a fol 5 u ritrtt nurmu 2 fl-istess fol. 5. Minkejja li hemm spostament fl-

onus tal-prova l-appellant naqas milli jressaq prova li tikkontradici dak mistqarr mill-ufficcjal u ghalhekk din it-tieni akkuza tirrizulta provata ukoll.

**<u>It-tielet akkuza</u>**

Fit-tielet lok l-appellant gie akkuzat bir-reat segwenti ai termini ta' Artikolu 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11 u 17 ta' A.L. 121/03 (S.L. 424.21);

> *Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem inqast milli tiżgura li kull tagħmir protettiv personali jkun iħares id-dispożizzjonijiet speċifikata fi Skeda 2 tal-Ordni u tiżgura li fejn hemm il-preżenza ta' aktar minn riskju wieħed teħtieġ li ħaddiem jilbes fl-istess ħin aktar minn oġġett wieħed ta' tagħmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kumpatibbli u li jibqa' jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti. Inqast ukoll li tistabilixxi l-kundizzjonijiet ta' użu ta' tagħmir protettiv personali, b'mod partikolari għal kemm ħin għandu jintlibes, skont il-bażi tas-serjeta' tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost għar-riskju, il-karatteristiċi tal-post tax-xogħol ta' kull ħaddiem u l-operazzjoni tat-tagħmir protettiv personali u tiżgura wkoll li jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu li tagħmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna waħda tieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex tiżgura li dan l-użu ma joħloq ebda problema ta' saħħa jew iġjene għall-utenti differenti. Inqast li tiżgura li dan it-tagħmir jingħata mingħajr ebda ħlas minn min iħaddem u tiżgura li dan it-tagħmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni iġjenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' biċċiet meħtieġa. Inqast milli tara li qabel ħaddiem juża tagħmir protettiv personali tavżah dwar ir-riskji li t-tagħmir ikun qed iħarsu kontrihom. Inqast ukoll li tiżgura li jiġi kkonsultat ir-Rappreżentant għas-Saħħa u s-Sigurta' tal-Ħaddiema*

F'dan ir-rigward jirrizulta bic-car mix-xhieda tal-ufficjal tal-Awtorita' tas-Sahha liema xhieda ma gietx kontradetta jew michuda mill-appellant li kien hemm haddiema fuq il-lant tax-xoghol li ma kienux libsin hwejjeg protettivi u dan kontra dak li jistabbilixxi

ir-regolament 18 tal- LS 424.21 li tipprovdi dwar rekwiziti minimi ghall-uzu ta' taghmir protettiv personali fuq ix-xoghol. Kien jispetta l-appellant iressaq prova kuntrarja sabiex ixejjen din l-akkuza izda dan **naqas** li jaghmel hekk u ghalhekk din il-Qorti fid-dawl tan-nuqqas ta' provi migjuba mid-difiza u fid-dawl tal-provi imressqa mill-prosekuzzjoni jidhrilha li din l-akkuza tirrizulta ben provata kif del resto stqarret ukoll l-ewwel Qorti.

**<u>Ir-raba' akkuza.</u>**

**L-appellant gie akkuzat talli kkommetta ir-reat kif dispost fl-artikolu 10 (1) tal AL 36/03 ( SL 424.18) li jipprovdi s-segwenti:-**

> *Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi nqast li tagħmel, jew li tiżgura li jsir, evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurta' kollha li jistgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, inkluż dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża.*

Il-prosekuzzjoni ressqet ix-xhud ewlieni taghha, l-ufficjal Cachia sabiex jispjega li wara li ghamel l-ispezzjoni tieghu nhar is-26 ta' Jannar 2022 huwa irriskontra numru ta' nuqqasijiet u ghalhekk hareg Stop Notice li giet komunikata lill-appellant permezz ta' email. F'din l-email intalab jipprovdi *risk assessment* izda dan id-dokument qatt ma wasal ghand l-Awtorita. Issa skond ir-regolament 20 tal-Ligi Sussidjarja 424.18 kien jispetta lill-appellant iressaq prova biex jiskolpixxi ruhu minn din l-imputazzjoni. Dan pero naqas li jaghmlu tant li lanqas meta xehed ma ghamel referenza ghal dan in-nuqqas. Din l-akkuza ghalhekk ukoll tirrizulta provata ben sodisfaċenti kif stqarret del resto l-ewwel Qorti ukoll.

**Il-Hames akkuza**

**L-appellant gie akkuzat talli kkommetta ir-reat kif dispost fl-artikolu 7 (1) tal-Att XXVII/2000.**

> *Akkużat talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem inqast milli tobdi ordni ta' uffiċjal, ordni mogħtija bil-miktub li ġġib id-data tat-2 ta' Marzu, 2022, biex tissalvagwardja s-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol*

Jidher car mix-xhieda tal-ufficjal Cachia li nhar is-26 ta' Jananr 2022 waqt li kien qed jaghmel spezzjoni fuq is-sit mertu tal-kawza huwa kien ta ordni sabiex l-appellant jieqaf mix-xoghol li kien qed jaghmel f'dan is-sit qabel ma jirregolarizza ruhu. Ma hux kontestat li din l-Ordni ta' Twaqfien minkejja li nghatat verbalment waqt din l-ispezzjoni giet ukoll miktuba u mibghuta lill-appellant permezz ta' email li giet imwasla. Inghad fiha li l-uniku xoghol li seta jsir kien dak rimedjali bil-ghan li tigi riprestinata s-sahha u sigurta fuq ix-xoghol. Illi jirrizulta li minkejja li inghatat din l-Ordni l-appellant baqa' ghaddej bix-xoghol qisu xejn mhu xejn jinjora tali ordni. Dan hu kkonfermat mir-ritratti li gew esebiti li jindikaw the *before and after* ta' l-ewwel spezzjoni u minn esami ta' l-istess jirrizulta li kienet ittellghat *opra morta* gdida sakemm l-ordni kienet ghadha *in vigore.* Dan ix-xoghol ma jistax jitqies li kien remedial works kif donnu qed jippretendi l-appellant. Din l-akkuza tirrizulta provata mix-xhieda tal-prosekuzzjoni stess li ma gietx kotnradetta b iprovi mid-difiza.

**Is-sitt akkuza**

**L-appellant gie akkuzat talli kkommetta ir-reat kif dispost fl-artikolu 36 tal-kap 594 tal-ligijiet ta' Malta**

> *Akkużat ukoll talli fl-istess żmijijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem inqast milli tavża lil JobsPlus dwar l-impjieg ta' persuni*

Illi l-prosekuzzjoni resqet lil Louis Borg rappresentant tal-JobPlus sabiex jixhed fuq l-appellant. Dan ikkonferma li l-appellant fl-4 ta' Frar 2022 kien registrat bhala Highup picker u li mieghu kellu sitt impjegati. Minn ezami tad-dokument esebit minnu a fol. 20 tal-atti jirrizulta min kien is-sitt impjgati tieghu u cioe;-

i. Clifton John Cachia
ii. Stephen Cachia
iii. Aaron Chetcuti
iv. Kursten Gatt
v. Carmel John Schembri
vi. Charlot Zammit

Issa mix-xhieda tal-ufficjal jirrizulta li fuq l-lant tax-xoghol dakinhar tal-ispezzjoni tieghu kien hemm zewg barranin u cioe Edward Mesu mill-Ghana u Imram Patel mill-India. Huwa minnu li dawn ma resqux jixhdu pero l-appellant stess waqt l-laqghali kellu mal-ufficcjal tal-Awtorita ma jichadx li dawk kienu haddiema tieghu. Huwa jikkonferma li dawk il-haddiema li kien hemm fuq il-post tax-xoghol kienu impjegati mieghu. Dawn jidhru fuq ir-ritratti esebiti ill-istess ufficjal. Kien ikun ahjar kieku l-prosekuzzjoni resqet lil dawn iz-zewg xhieda jikkonfermaw li kienu impjegati mal-appellant ghax kienet tkun xhieda diretta pero f'dan il-kaz il-Qorti ghandha bizzejjed provi indiretti li huma diretti lejn direzzjoni wahda u univoka cioe li iz-zewg barranin kienu impjegati mal-appellant dakinhar tal-ispezzjoni. Ghalhekk din is-sitt akkuza tirrizulta ukoll provata.

**<u>Dwar il-piena.</u>**

Kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek</u>** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case.*

*Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb,** deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l- emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> *Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma*

*tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari talkaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor*

Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

Illi f'dan il-kaz ma ingabet l-ebda prova il-ghaliex din il-qorti ghandha tiddipartixxi mill-piena imposta salv li hija wahda eccessiva. Din il-qorti rat li l-piena moghtija taqa' fil-parametri tal-ligi, rat li l-appellant baqa' jahdem minkejja li kien gie notifikat bi *Stop Notice* u ghalhkk verament ma tax kaz l-ligi dwar is-sahha u sigurta tal-haddiema u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi din il-qorti ma hiex tal-fehma li ghandha tvarja l-piena imposta minn l-ewwel Qorti.

Ghalhekk din il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha kemm fir-rigward mertu kif ukoll fir-rigward l-piena imposta.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Imhallef**